**Kunsill Lokali tal-Qrendi**

# Rapport Amministrattiv

**2023**

**Festival Agrarju tal-Patata**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien l-organizzatur tal-Festival Agrarju tal-Patata wara li ottjena għotja ta’ €18,000 mid-Divizjoni Gvern Lokali biex ikun organizzat il-festival tradizzjonali marbut mal-Qrendi.

Dan il-festival issa daħal fil-kalendarju tal-Qrendi u kull resident ikun qed jistenna li jieħu sehem f’wieħed mill-aqwa spettakli li jsiru fi gziritna.

Għal dan l-attività li swiet €15,171.13 sar *Health and Safety Risk Assessment*, kien hemm Assikurazzjoni, kien ingaġġat persuna apposta bħala organizzatur, kienet imħabbra fil-Gazzetta tal-Gvern, kantanti bħal Lyndsey Pace, daqq bi strumenti antiki minn Ta’ Seguna Folk Group, Għana u Makkjetti minn Noel Damato, impjegati diversi uffiċjali tas-sigurtà kif ukoll gwardjani lokali, trasport permezz ta’ karozza tal-linja antika, inkrew faċilitajiet ta’ sound u d-dwal u anke ta’ mobile toilets, inkrew kannizzati mil-Ministeru għall-Agrikultura, kien hemm esebizzjoni u għalhekk kienu mikrija exhibition boards, kien hemm animazzjoni għat-tfal, Vizti kulturali fil-kappelli tal-Qrendi mil-Parroċċa tal-Qrendi u fuq kollox l-involviment tal-kazini tal-banda bil-kiri tal-imwejjed u s-siggijiet. Dan il-festival minkejja x-xita tqattar, kien wieħed ta’ min ifaħħar għax fuq kollox jippromwovi dak kollu li hu prodott ġenwin tal-Qrendin – il-patata Maltija li tinbiegħ mhux biss f’Malta izda wkoll barra minn xtutna.



**L-Aċċess għall-Qrendi**

Matul l-2023 kellna l-inawgurazzjoni tan-network il-ġdid ta' toroq 'il barra mill-mina ta' Ħal Kirkop. Dan in-network kellu jsir titjib fuqu minħabba li l-Qrendi flimkien ma' ħafna residenti oħra li joqgħodu 'l ġewwa mil-mina ta' Ħal Kirkop, kienu qed idumu jistennew għal tul ta' ħin mhux aċċettabbli speċjalment meta Malta tkun qed tospita ħafna turisti bil-wasliet tagħhom fil-mitjar tal-Ġudja u jinqabdu fit-traffiku. In-network il-ġdid jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' fly over li għall-Qrendin ħaffet it-tul ta' stennija jekk mhux ukoll ġie eliminat għal kollox.



Fl-istess zmien saret ukoll manutenzjoni fuq it-Triq tas-Sejba, li hija d-daħla l-oħra għar-residenti imsejjħa ta' wara l-mina. Dan sar fl-Imqabba biex wieħed ikollu aċċess minn Triq Ħal Farruġ li fil-passat riċenti wkoll saritilha manutenzjoni u twessiegħ biex mhux biss vetturi zgħar, izda anke t-trasport pubbliku sab rotta alternattiva. Fi Triq tas-Sejba, l-Imqabba sar investiment ta' €1.5 miljun f'pedamenti minn Infrastruttura Malta billi ġie rrinfurzat it-turbazz permezz ta' 49 steel-reinforced concrete piles li kienu jvarjaw fit-tul bejn 8.5



metri u 40 metru 'l isfel bejn il-barrieri tal-franka. Dan il-proġett kien ukoll jikludi s-sistemi tad-drenaġġ, telekomunikazzjoni u d-dwal tal-elettriku u ovjament wiċċ ġdid tat-triq. Proġett li ħa diversi xhur u bħala alternattiva l-vetturi kellhom juzaw triq oħra bejn is-Siġġiewi u l-Qrendi li hija dejqa u mhix komda – Triq is-Siġġiewi. Ta' dan kollu aħna grati lejn Infrastruttura Malta li nvestiet fuq in-network tat-toroq li joffru aċċess lejn il-Qrendi aktar tajjeb.

**Attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa**

Flimkien ma' diversi rħula oħra fir-Reġjun Punent, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien xprun biex ippromwova diversi attivitajiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa. Dan minkejja li fil-Qrendi m'hawnx it-tradizzjoni tal-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi minkejja li ma kienx l-organizzatur ta' dawn l-attivitajiet ippromwova kemm felaħ dawn l-inizjattivi marbuda ma' dawn it-tradizzjonijiet Maltin li għad għandhom għeruq qawwija u fil-fond, fost il-poplu Malti.

Is-Soċjetà Santa Marija tal-Qrendi iddebuttaw fl-arti performattiva billi organizzaw kunċert bl-isem *Miserere Mei Deus* filwaqt li s-Sezzjoni Zgħazagħ tas-Soċjeta' Muzikali Lourdes organizzaw fjakkolata akkumpanjata bl-ikel tradizzjonali Malti abbinat ma' dawn iz-zminijiet.









**Festival Muzika Muzika – jirbaħ l-ambaxxatur tal-Qrendi**

Il-Festival Kanzunetta Maltija huwa pjattaforma prestiġjuża għall-kanzunetta Maltija f'ġeneri differenti ta' mużika bħal ballads, rock, pop, r'n'b, jazz, blues, country u ħafna iktar. Edizzjonijiet passati ta' dan il-festival tilfu triqathom matul iż-żmien, b'kanzunetti miktubin minn awturi u kompożituri internazzjonali, lirika bil-lingwa Ingliża u mużika rrekordjata. Bis-saħħa ta' dan il-festival l-organizzaturi reġgħu taw ġieħ lil-lingwa Maltija u lill-artisti tagħna, billi offrew spazju fejn tista' tindaqq, u tiġi apprezzata il-mużika Maltija. Permezz ta' Orkestra live u proċess ġust u rigoruż għall-għażla tal-parteċipanti, dan il-Festival hu wieħed ta' livell għoli għall-Kanzunetta Maltija. Tlett iljieli ta' mużika, b'ċelebrazzjoni tal-lingwa nazzjonali tagħna u tat-talent lokali li tant huwa abbundanti; spazju ferm xieraq għall-Kanzunetta Maltija.

F'Marzu 2023, inzammet it-tielet edizzjoni tal-Festival *Mużika Mużika* li ntemmet b'suċċess wara tlett iljieli spettakolari ta' mużika Maltija. Din is-sena il-festival Mużika Mużika kellu total ta' madwar 300,000 telespettatur fuq medda ta' tlett serati, u madwar 6,500 ruħ li kienu preżenti fis-sala. Fis-serata tal-finali tas-Sibt 25 ta' Marzu tħabbar li l-kanzunetta SABIĦA interpretata minn Gianluca Bezzina li hu ambaxxatur għal-lokalità tal-Qrendi, fuq mużika ta' Philip Vella u lirika ta' Joe Julian Farrugia, rebħet it-tielet edizzjoni ta' Mużika Mużika. Proset Gianluca.



## LOCAL PERMITS




Wara li issa kien ilna noperaw mill-2021 l-hekk magħrufa bħala Il-Local Permits System, tħabbru diversi tibdiliet. Fosthom dak imħabbar mit-8 ta' Marzu 2023 sostnut mill-Leġizlazzjoni Sussidjarja 441.04. Dan jesiġi li meta applikazzjoni tiġi pprezentata lill-Kunsill Lokali f'inqas minn tmienja u erbgħin siegħa qabel l-attività li tistà tkun permess ta' makkinarju jew skip, beda' issa ikun hemm dritt addizzjonali ta' €30. Din daħħlet aktar dixxiplina fosthom f'dawk li huma kuntratturi li jkunu iridu jaħdmu fil-lokalitajiet.



***CLEAN UP***

Nhar il-25 ta’ Frar inzammet *Clean Up* fl-inħawi tal-Maqluba.

Diversi persuni inagħqdu mal-kunsillieri biex jagħmlu impatt pożittiv fil-komunità tal-Qrendi permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f’dan l-avveniment ta' tindif b’risq l-ambjent nadif u b'saħħtu f’dik li hija art agrikola mittiefsa u post ta’ rikrejazzjoni b’rabtiet storiċi u reliġjuzi. Post li fih jinzammu diversi tiġijiet.



**Ġieħ il-Qrendi 2023**

Għas-serata Ġieħ il-Qrendi 2023 li nzammet nhar is-17 ta' Frar kienu qed jipprezentaw is-Sa Paula Cutajar u s-Sa Grace Bonnici. Is-serata laħqet qofol tagħha bl-unur ta' Ġieħ il-Qrendi, fejn kienet nominata persuna waħda li kienet ukoll ippremjata.

Ħadu sehem fis-serata l-kantanti u muzicisti bravi li joqgħodu fil-lokal, is-Sa Miriam Christine li kantat l-ewwel diska, 'Bi Ftit Kliem.'



Ingħataw ukoll ħames Onorifiċenzi oħra lil persuni li l-Kunsill Lokali ħass li kien ħaqqhom jiġu rikonoxxuti għall-ħidma li għamlu f'diversi oqsma. Ingħata premju Onorefiċenza lis-Sa Amy Farrugia għall-ħiliet muzikali tagħha. Ħadet sehem f'diversi kompetizzjonijiet lokali fejn fl-ewwel kompetizzjoni tagħha li seħħet f'nofs Ottubru ta-2014 hija ġiet mal-ewwel tlett (3) postijiet fil-kategorija tagħha. Sentejn wara hija pparteċipat għall-ewwel darba f'kompetizzjoni internazzjonali ġewwa l-Italja u sena wara ġewwa Budapest, fejn hi ġiet fit-tieni (2) post f'kompetizzjoni ta' livell għoli ħafna. Fl-2018 hija reġgħet ħadet sehem f'kompetizzjoni internazzjonali oħra ġewwa l-belt sabiħa ta' Ragusa fi Sqallija fejn hawnhekk irċiviet kummenti sbieħ ħafna u anke kkwalifikat mal-aqwa ħames (5) kantanti. Fl-2022 kelha l-opportunita' li tkun parti mill-'Just Musicals in Concert' fejn flimkien ma sħabha iffurmat part minn kor li kanta flimkien ma' bosta kantanti lokali. Diċembru tal-2022 kien wieħed impenjattiv ħafna għal Amy fejn kellha l-opportunita' li tkanta mal-'Big Band Brothers' u artisti oħra lokali bħal Gianluca Bezzina u Daniel Cauchi fost oħrajn, waqt Kunċert tal-Milied. Hija ukoll irrapreżentat lil Malta fil-Kompetizzjoni Internazzjonali 'Riga Symphony' ġewwa l-Latvia fejn ġiet fl-ewwel (1) post fil-kategorija tal-eta' tagħha u fil-*Gran Prix Nominee Runner up.*



Unur ieħor mar għall-Ħidma Sportiva lis-Sur Alec Falzon li minkejja d-diffikultajiet li ġġib magħha l-kundizzjoni tad-Down Syndrome, ta' 11-il sena, kien l-iżgħar atleta tal-kontinġent Malti tal-Special Olympics li pparteċipa fil-World Games ġewwa Los Angeles, fl-Istati Uniti. Rebaħ 2 midalji tal-bronz, waħda fil-50m sprint u l-oħra fil-*ball throw*. Alec ħa sehem ġewwa Malta, fl-*Invitational Games* li saru f'Mejju 2022 fejn rebaħ żewġ midalji tad-deheb, waħda fil-100m u l-oħra fil-ball throw.



It-Tielet unur mar fil-Ħidma Soċjali mar għal Daniel Caruana li jħobb ħafna l-festi u kellu l-bar tal-Kazin Santa Marija li kien ta' sfida għalih minkejja l-eta' tenera tiegħu u l-ħiliet fil-catering.



Ir-raba' u l-ħames unur, ingħata fil-Ħidma Soċjali u Reliġjuża lil Maria Daniela Farrugia kif ukoll il-koppja Paul u Paula Bugeja Lucas. Dawn taw is-sehem tagħhom fil-qasam tal-animazzjoni li jsir fil-funzjonijiet liturġiċi fil-Parroċċa tal-Qrendi. Maria Daniela Farrugia iddoqq l-orgni u tgħallem il-pjanu u ddoqq ukoll l-Arpa fl-Iskola tal-Muzika. Hija tmexxi l-kor Parrokkjali Magnificat u ilha mill-1994.



Paula Bugeja Lucas kienet tieħu sehem f'festivals lokali u tkanta f'lukandi u stabbilimenti varji f'Malta flimkien mal-mibki missierha, David Lucas. Maria Paula għaddiet din il-passjoni tal-mużika anke lit-3 uliedha: Luke, li jakkumpanjaha fid-drums u bintha Maya li apparti li tkanta, hija ddoqq il-pjanu wkoll bħala. Bħala familja Paul u Paula jagħtu servizz fil-Parroċċa tal-Qrendi għal kull ħidma reliġjuża kif ukoll soċjali tar-raħal tagħna. Ilhom jagħmlu dan għal aktar minn 21 sena.





Wara l-għoti tal-Onorifiċenzi, il-kantanta Miriam Christine Borg kantat il-kanzunetta 'Għanja lil Ommi (Rużar Briffa).' Propju qabel ma ingħata Ġieħ il-Qrendi 2023 lill-mibki is-Sur Tarcisio Vella. Tarcisio Vella twieled fl-1940 u miet fl-eta ta` 66 sena fit-19 ta` Ottubru 2006. 'Is-Sju,' kif kien magħruf minn kulħadd – jibqa` marbut mas-Soċjeta` Filarmonika Lourdes. Dan mhux biss għax qatta` 40 sena minn ħajtu fil-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjeta fosthom għal żmien twil Segretarju Ġenerali iżda wkoll għall-imħabba u ddedikazzjoni bla qies li kellu tal-Madonna ta` Lourdes. Il-kariga ta` Segretarju Generali baqa` jokkupah sa Ottubru 2005. Fis-Seduta Ġenerali Annwali tal-Ħadd 29 ta` Jannar 2006, is-Sju ġie nominat Segretarju Ġenerali Onorarju. Minbarra l-kariga iebsa li kellu ta` Segretarju Ġenerali, is-Sju kien ukoll *Licensee* tal-Post tan-Nar Madonna ta` Lourdes għal 30 sena

(1976-2006). Minbarra dawn l-impenji fis-Soċjeta` Filarmonika Lourdes, is-Sju kien missier eżemplari. Rabba liż-żewġ uliedu f'għożża, imħabba u dixxiplina speċjalment meta ġiet nieqsa martu Paola. Kien ukoll jagħmel xogħol fl-elettriku li mhux l-ewwel darba li ħadem għand resident Qrendin u fejn ġieli ma talabx ħlas għax-xogħol li għamel. Il-premju Ġieħ il-Qrendi ingħata lil uliedu Mancy Farrugia u Johnny Vella.

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur Julia Farrugia Portelli tat rikonoxximent lill-Kunsill Lokali Qrendi. Wara dan is-Sindku David Michael Schembri għamel kelmtejn tal-okkażjoni.



Nhar il-Ħadd 19 ta' Frar 2023 fl-10:00 am il-kunsillieri ipparteċipaw mal-komunita f'quddiesa ta' ringrazzjament f'Jum il-Qrendi fil-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi. Wara l-quddiesa huma sellmu lill-vittmi tal-gwerra Qrendin u lill-Qrendin kollha fejn il-Monument tal-Gwerra.







**ATT TA' KARITA MAL-POPLI TAT-TURKIJA U TAS-SIRJA**

Fis-6 ta' Frar 2023 terremot qawwi laqat in-Nofsinhar u ċ-Ċentru tat-Turkija u t-Tramuntana u l-Punent tas-Sirja. Kien hemm ħafna ħsarat fuq medda ta' 350,000 kilometru kwadru u għaxriet ta' eluf ta' fatalitajiet u 1.5 miljun persuna li sfaw bla dar. Terremot ta' 7.8 Mw fuq l-iskala (*moment magnitude scale*). Kien stmat li mieu 59,259 fit-Turkija u 8,476 fis-Sirja. Ħsarat li kienu stmati li jlaħqu US$148.8 biljun fit-Turkija u US$14.8 biljun fis-Sirja.

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi nagħqad mal-kumplament tal-globu biex jagħmel karità ma min qed ibati. Infatti kienu aċċettati diversi oġġetti fuq livell nazzjonali għal dawk milquta bit-terremot ġewwa t-Turkija u s-Sirja. Il-Kunsill Lokali irringrazzja lil kull min għen billi ġab affarijiet fl-uffiċċju tal-Kunsill għax dan l-att hu wieħed ta' karità.



KUNTRATTI

**Kuntratt tal-ġbir tal-iskart**

Mit-2 ta' Jannar 2023 il-ġbir tal-iskart bieb bieb (household domestic waste) ma baqgħax taħt ir-responsabbilità tal-Kunsilli Lokali. Dan l-irwol ħadu r-Reġjun Punent li issa ilu jopera għal sena. Izda l-akbar tibdil sar fl-iskeda tal-iskart – skeda ġdida li ma taġevolax lil min qed iħallat l-iskart arbitrarjament jew aħjar kapriċċozament. Dan il-kuntratt il-ġdid li inħareġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti minħabba l-kobor tiegħu peress li jappartjeni għal reġjun sħiħ ħadithu l-kumpanija *Waste Solutions JV* – għar-Reġjun Punent kollu inkluz il-lokalita tal-Qrendi.


etenders.gov.mt gov.mt 08:44:59 CET

CfT Creation · Annual Procurement Plan · CfT Management · CA Administration · Coll. of Requirements · Preliminary Market Consultations

Simple search

SEARCH RESULTS

10 Results Per page | Displaying the 1 match.

| # | CfT Title | CfT CA Unique ID | CA | Info | Tenders Submission Deadline | Procedure | Notice PDF |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | CT2136/2022 - Service Tender for Household Waste Collection using Low Emission Vehicles in Western Region | CT2136/2022 | Department of Contracts | | 23/08/2022 09:30:00 | Open | |



**Kunċert tal-Milied**

Nhar il-Ħadd, 3 ta' Diċembru, 2023 inzammet attività ħelwa ġewwa l-Kappella ta' San Mattew tal-Maqluba fil-Qrendi. Din kienet tikkonsisti fi programm b'muzika sagra marbuta mal-festi tal-Milied. Diversi solisti u fuq kollox element mill-*Coro Bel Canto* tas-Surmast Herman Farrugia Frantz kienu l-protagonisti tas-serata flimkien mal-Pjanista tal-Parroċċa tal-Qrendi, Marija Daniela Farrugia.




Dan il-kunċert kien organizzat mil-Kunsill Lokali tal-Qrendi, flimkien mal-Parroċċa Santa Marija tal-Qrendi, il-Friends of *Mount Carmel Hospital Society* u r-Reġjun Punent.





**WIRJA – Evergreen Art Exhibition**




Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi, b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Punent u mal-*Pastel Society Malta*, tellgħu wirja ta' pittura msejħa *Evergreen* fil-Kappella ta' San Mattew tal-Maqluba, fi Pjazza tal-Maqluba, il-Qrendi. Din il-wirja kienet inawgurata mis-Sur David Schembri fil-prezenza tal-President tar-Reġjun Punent, is-Sur Sandro Azzopardi u l-Amministratur Parrokkjali tal-Qrendi, Fr Mario Said. Fiha ħadu sehem tlettax-il artist fosthom anke artisti mil-Qrendi fejn esebew 25 inkwatru oriġinali. Dawn l-artisti kienu Mary Clare Albanozzo, Noel Ancilleri, Anthony Lucian Cauchi, Joanne Fenech Portelli, Martin Formosa li hu il-President tal-Malta Pastel Society u huwa wkoll artist mil-Qrendi, Michelle Layfield, Erica Chircop, Chris Bugeja, Ethelbert Perini, Grace Cassar, Martin Scicluna, Mario Sant u Lady Joanna Wallbank. Il-*media* uzata minn dawn l-artisti kienet waħda varja, minn zejt fuq it-tila, acrylic u soft pastel. Persentaġġ mil-qliegħ tax-xiri tal-imkwatri mar għad-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi bħala karità. Din il-wirja kienet inawgurata nhar it-18 ta' Novembru 2023 u baqgħet miftuħa sa nhar is-26 ta' Novembru. It-tema bħalma wieħed jista' jaħseb kienet dwar l-ambjent u l-pajsaġġ Malti. F'din il-wirja ħadu sehem zewġ studenti Janice Bugeja u ___________ li kienu qed jistudjaw Business Administration biex setgħet tittellà filwaqt li għamlu volontarjat.

**Propost Impjant tat-Tarmak**



Ġlieda kontra impjant tat-tarmak fl-Imqabba li se jaffettwa l-Qrendi wkoll.

Inzammet petizzjoni dwar l-applikazzjoni PA 6976/21 fuq Quarry no Ex SM22, ġewwa Xagħri l-Imqalleb, l-Imqabba. Eluf ta' persuni temmew is-sena jiffirmaw din il-petizzjoni u wkoll attendew għal *peace walk* li kienet organizzata fil-Qrendi.

Dawn ir-residenti li joqgħodu fil-villaġġ tal-Qrendi, li hu kburi bit-trankwillita u l-indafa tiegħu, huma taħt theddida għaliex qed ikun propost impjant tat-tarmak u tal-konkos f'inqas minn 450 metru minn djarhom. Din hija xi ħaġa li tmur kontra l-karattru ewlieni tal-villaġġ mizgħud b'raba fertili li jhedded fuq kollox is-saħħa tar-residenti. Dan għaliex skont il-*World Health Organisation,* it-tfal, l-anzjani, u fuq kollox dawk li jsofru b'mard respiratorju, se jkunu qed isofru minn din id-deċizjoni arbitrarja li tferrex il-partiċelli assoċjati mal-mard tal-kanċer li zdied ferm f'pajjizna. Din id-deċizjoni tmur kontra l-ispirtu tal-Istrina f'għeluq is-sena fejn isir gbir biex dawk li jbatu minn dan il-mard ikunu imsefrin mil-Gvern b'xejn biex jieħdu l-kura. Bħal dejjem il-prevenzjoni hija ħafna aktar importanti mil-kura meta kulħadd jitkellem fuq ambjent san mizgħud bl-ezerċizzju anke ta' mixjiet fil-kampanja.

**Pussess tal-Kappillan – Kan Dun Mario Said**




Nhar il-Ħadd, 17 ta' Diċembru 2023, il-Qrendi kollu qam ħerqan biex isegwi l-quddiesa tal-Pussess tal-Kappillan 'il-ġdid' diretta mil-Parroċċa tal-Qrendi fuq it-Televizjoni jew mal-komunità kollha. Fil-verità dan kien il-Kappillan Dun Mario Said li serva ta' Amministratur Parrokkjali sa mill-eqqel zmien tal-Covid 19 li kienet ħakmet lid-dinja kollha. Għaldaqstant kien Amministratur Parrokkjali partikulari għaliex sab l-iebes speċjalment meta ħadd ma setgħa jattendi għall-Quddies qabel ma beda' ħidmietu fil-Qrendi. Dam f'din il-kariga għal erba' snin sħaħ. Mexxa bil-għaqal u fi zmienu inbeda l-akbar proġett tal-Parroċċa tal-Qrendi – ir-Restawr tal-Faċċata tal-Knisja.



Restawr li kien għadu għaddej sa tmiem is-sena 2023 u li kien uffiċjalment inawgurat fis-17 ta' Lulju 2023 fejn kienet tlestiet il-faċċata u fuq il-ġenb tal-Kampnar tax-xellug li sar b'investiment ta' €84,000 li 80% minnom kienu ko-finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropeja. Proġett li kien inawgurat mis-Segretarju Parlamentarli għall-Fondi Ewropej, l-Onor Chris Bonnett u mill-Isqof Awziljarju Joseph Galea Curmi fil-prezenza tas-Segretarju Amministrattiv tal-Arċidjoċesi ta' Malta, is-Sur Michael Pace Ross u l-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Proġett li l-kumplament tal-ko-finanzjament, l-għoxrin fil-mija minnhom inġabru b'tant diffikultà mill-parruċċani biex setgħet tnaddfet il-ġebla tal-faċċata u tal-kampnar u li xi wħud minn dawn il-ġebel kellhom jinbidlu minħabba d-deterjorazzjoni tal-ġebla esposta għall-elementi naturali u t-tniġġiz tal-arja.



Intant, Fr Mario Said kien maħtur f'quddiesa konċelebrata minn Mons Arċisqof, Charles J Scicluna nhar bħala is-sitta u għoxrin Kappillan tal-Qrendi.

**Short Film Festival**




Fil-15 ta' Settembru 2023 il-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien il-mutur wara l-attività tas-Short Film Festival li seħħet propju f'Misraħ San Mattew. Għal din l-attività inkrew numru ta' siġġijiet mis-Soċjetajiet Muzikali tal-Qrendi li wkoll kienu kollaboraturi magħna. Fuq kollox ir-Reġjun Punent kien xprun biex seta' jseħħ dan fir-raħal tal-Qrendi f'sit verament addattat għaliex hu wieħed ta' rilassament fih innifsu.

Bla dubju kien hemm arranġamenti ma' kumpaniji li offrew stampa ċara u kbira fuq screen enormi b'sound addattat li kien jilħaq kull rokna ta' dan il-misraħ.




Fuq kollox dawn il-films kienu ta' diversi produtturi Maltin u saħansitra kien hemm ukoll karattri Qrendin li ħadu sehem f'dawn il-films.

Il-film Dream Big Little Cowboy tal-Qrendi Aldo Zammit kien magħzul bħala wieħed minn dawn il-films. Aldo kien bla dubju l-attur prinċipali f'dan il-film.

***Food Bank***

Mill-1 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi laqa' donazzjonijiet ta' prodotti tal-ikel sabiex ingħataw lill-*Foodbank Lifeline Foundation*. Kull min xtaq jingħaqad magħna biex stajna ngħinu lil min hu verament fil-bżonn għamel dan billi ġie ħalla d-donazzjoni tiegħu l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Għalkemm ma' kienx hemm obbligu li wieħed jagħti prodotti skont kif kien deher fir-reklam li għamel il-Kunsill fuq il-paġna ta' Facebook permezz ttal-istampa li kien hemm disponibbli, il-lista ta' prodotti li setgħu jingħataw kienet waħda wiesgħa.




Il-prodotti miġbura ingħataw lil *Foodbank Lifeline Foundation* fl-aħħar tas-sena u l-Kunsill Lokali tal-Qrendi irringrazzja lil kulħadd tas-sehem tiegħu għal dan il-għan filantropiku fejn fl-eqqel tal-festi kulħadd ta miz-zejjed li kellu għal għan nobbli.

Trip għal-Filfla

Mawra edukattiva li kienet skedata nhar l-Erbgħa, 30 ta' Awwissu 2023 għal Filfla, ġiet ġiet skedata għal nhar il-11 ta' Settembru 2023 peress li kien antiċipat ħafna riħ.

Din l-inizjattiva kienet meħuda mir-Reġjun Punent u bla dubju ssapportjatha mil-Kunsill Lokali tal-Qrendi.



Il-proġett tar-restawr tas-Santwarju tal-Ħniena li sar fl-2022 kien jirbaħ l-2022 Malta Architecture and Spatial Planning (MASP) Award

Il-MASP ħabbret is-siti magħzula fl-2023 mill-Awtorità tal-Ippjanar għax-xogħlijiet tal-2022. Dawn il-premjijiet jingħataw taħt il-patronaġġ tal-President ta' Malta bil-għan illi jippromwovu u jirrikonoxxu kemm il-kwalità tal-Arkitettura kif ukoll l-interior design bil-għan illi jħallu marka pozittiva fuq għexieren ta' snin futuri.

Il-ġurija kienet iffurmata minn esperti ta' stoffa li kienu taħt iċ-Ċermen tal-eks president tal-Assoċjazzjoni tal-Periti tal-Commonwealth, is-Sur Vince Cassar bil-membri l-oħra is-Sinjuri Sandro Debono, ħassieb tal-Muzewijiet li kien jirrapprezenta wkoll l-uffiċċju tal-President, Kevin Gatt Perit u Lettur fl-Università ta' Malta bi speċjalizzazzjoni fuq l-izvilupp sostenibbli, Wendy Mifsud, Perit u Planner b'interess dwar kif jittieħdu d-deċizjonijiet fl-Ispacial Planning, Frank Salt, impreditur rispettat, il-membri internazzjonali Katherine Neathercoat, Direttur u kap tal-Interior Design fi Scott Brownrigg, Sasa Randic, perit u President Imeritus tal-Assoċjazzjoni tal-Periti tal-Kroazja, Guendalina Salimei, perit u partner ewlieni ta' t-studio, u professur tal-Universita ta' Ascoli Piceno u ta' La Sapienza f'Ruma.

L-għazla ta' dawn is-Sinjuri waqgħet fuq ir-Restawr li sar mid-Direttorat tar-Restawr fuq is-Santwarju tal-Ħniena. Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi laqa' bil-ferħa kollha din id-deċizjoni li rebaħ l-award tal-MASP għall-ewwel darba fl-istorja tal-Qrendi.

## Statement of comprehensive income

| | Notes | Year ended 31 December 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|---|
| **Income** | | | |
| Funds received from Central Government | 3 | **421,636** | 416,248 |
| Other government income | 4 | **31,181** | 29,338 |
| General income | 5 | **23,402** | 10,028 |
| Income raised under Local Enforcement System | 6 | **1,491** | 1,297 |
| Investment income | 7 | **19** | 219 |
| | | **477,729** | 457,130 |
| **Expenditure** | | | |
| Staff salaries | 8 | **95,177** | 85,905 |
| Operations and maintenance | 9 | **156,227** | 164,655 |
| Administrative and other expenditure | 10 | **136,976** | 114,430 |
| Finance costs | | **172** | 578 |
| | | **388,552** | 365,568 |
| **Total Comprehensive Income for the year** | | **88,177** | 91,562 |

The notes on pages 6 to 27 are an integral part of these financial statements.

## Statement of financial position

| | Notes | As at 31 December 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|---|
| **ASSETS** | | | |
| **Non-current assets** | | | |
| Intangible Assets | 11 | **570** | 1,635 |
| Property, plant and equipment | 12 | **260,933** | 266,047 |
| Right-of-use assets | 13 | **2,306** | 3,460 |
| **Total non-current assets** | | **263,809** | 271,142 |
| **Current assets** | | | |
| Trade and other receivables | 14 | **33,048** | 11,603 |
| Cash and cash equivalents | 15 | **991,664** | 905,209 |
| **Total current assets** | | **1,024,712** | 916,812 |
| **Total assets** | | **1,288,521** | 1,187,954 |
| **EQUITY AND LIABILITIES** | | | |
| **Equity** | | | |
| Surplus for the year | | **89,177** | 91,562 |
| Retained funds | | **994,088** | 902,526 |
| Total Equity | | **1,083,265** | 994,088 |
| **LIABILITIES** | | | |
| **Non-current liabilities** | | | |
| Deferred income | 16 | **109,345** | 114,480 |
| Lease liabilities | 13 | **2,426** | 2,426 |
| **Total non-current liabilities** | | **111,771** | 116,906 |

**Current liabilities**

| | Note | 2023 | 2022 |
|---|---|---|---|
| Trade and other payables | 17 | **92,333** | 75,808 |
| Lease liabilities | 13 | **1,152** | 1,152 |
| **Total current liabilities** | | **93,485** | 76,960 |
| **Total reserves and liabilities** | | **1,288,521** | 1,187,954 |

## Statement of changes in equity

| | **Retained Funds €** | Total € |
|---|---|---|
| Balance at 1 January 2022 | **902,526** | 902,526 |
| Profit for the year – total comprehensive income | **91,562** | 91,562 |
| Balance at 31 December 2022 | **994,088** | 994,088 |
| Balance at 1 January 2023 | **994,088** | 994,088 |
| Profit for the year – total comprehensive income | **89,177** | 89,177 |
| **Balance at 31 December 2023** | **1,083,265** | 1,083,265 |

The notes on pages 6 to 27 are an integral part of these financial statements.

## Statement of cash flows

| | Notes | Year ended 31 December | |
|---|---|---|---|
| | | **2023** | 2022 |
| | | **€** | € |
| **Cash flows from operating activities** | | | |
| Cash generated from operations | 18 | **120,884** | 260,661 |
| Net cash generated from operating activities | | **120,884** | 260,661 |
| **Cash flows from investing activities** | | | |
| Purchase of intangible assets | | **-** | (6,962) |
| Purchase of property, plant and equipment | | **(72,623)** | (204,769) |
| Payment of lease liabilities | | **-** | - |
| Net cash used in investing activities | | **(72,623)** | (211,731) |
| **Financing activities** | | | |
| Interest received | | **19** | 207 |
| Payment of lease liabilities | | **-** | (1,256) |
| Grants received | | **38,269** | 83,813 |
| Interest paid | | **(104)** | (188) |
| Net cash used in financing activities | | **38,184** | 82,576 |
| **Net movement in cash and cash equivalents** | | **86,455** | 131,506 |
| **Cash and cash equivalents at beginning of year** | 15 | **905,209** | 773,703 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Cash and cash equivalents at end of year** | 15 | **991,664** | 905,209 |

The notes on pages 6 to 27 are an integral part of these financial statements.

## 3. Funds received from Central Government

| | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|
| In terms of Section 55 of the Local Council Act | **421,636** | 416,248 |

## 4. Other government income

| | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|
| Government income for projects and restorations | **12,491** | 11,580 |
| Income from organic waste collection | **18,690** | 17,758 |
| | **31,181** | 29,338 |

## 5. General income

| | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|
| Other income net of contraventions and library services | **9,506** | 4,507 |
| Permits | **13,896** | 5,521 |
| | **23,402** | 10,028 |

## 6. Income raised from Local Enforcement System

| | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|
| Contraventions | **1,491** | 1,297 |

## 7. Investment income

| | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|
| Bank interest received | **19** | 219 |

## 8. Staff Salaries

| | **2023** | 2022 |
|---|---|---|
| | **€** | € |
| Personal emoluments include, inter alia: | | |
| Employees' salaries and bonuses | **60,032** | 40,430 |
| Executive Secretary's salary and allowances | **11,066** | 21,743 |
| Mayor's salary and allowance | **11,079** | 10,732 |
| Councillors' allowances | **9,600** | 9,601 |
| Vice Mayor's salary | **3,400** | 3,399 |
| | **95,177** | 85,905 |

The average number of persons employed by Qrendi Local Council in 2023 is 8 (2022: 8).

## 9. Operations and maintenance

| | **2023** | 2022 |
|---|---|---|
| | **€** | € |
| **Repairs and upkeep:** | | |
| Street signs | **2,783** | 5,696 |
| Road markings | **2,157** | 4,827 |
| Other repairs and upkeep | **23,993** | 6,139 |
| | **28,933** | 16,662 |

| | **2023** | 2022 |
|---|---|---|
| | **€** | € |

| | | |
|---|---|---|
| **Contractual services:** | | |
| Waste Disposal and Refuse collection | **42,423** | 81,193 |
| Cleaning and maintenance of public conveniences | **27,819** | 21,980 |
| Cleaning and maintenance – non-urban | **7,189** | 9,801 |
| Bulky refuse collection | **12,400** | 10,917 |
| Street lighting | **5,480** | 2,236 |
| Cleaning and maintenance of parks and gardens | **2,160** | 5,704 |
| Road & Street Cleaning | **29,823** | 16,162 |
| | **127,294** | 147,993 |
| | **156,227** | 164,655 |

## 10. Administrative and other expenditure

| | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| | **€** | € |
| Amortisation on intangible assets | **1,065** | 327 |
| Depreciation on tangible assets (Note 12) | **39,468** | 68,548 |
| Depreciation on right-of-use assets (Note 12) | **1,154** | 3,568 |
| Professional services | **21,694** | 11,902 |
| General expenses | **616** | 512 |
| Community services & events | **28,430** | 9,929 |
| Utilities | **19,394** | 7,025 |
| Material and supplies | **1,081** | 959 |
| Advertising | **5,551** | 1,914 |
| Office services | **2,401** | 2,456 |
| Rent | **3,652** | - |
| Transport | **578** | 329 |
| Studies and consultations | **6,079** | 2,176 |

| | | |
|---|---|---|
| Staff Welfare | **-** | 831 |
| National and international memberships | **-** | 192 |
| Insurance | **1,948** | 2,401 |
| IT Development | **2,451** | 1,033 |
| Overseas travelling | **1,414** | 328 |
| | **136,976** | 114,430 |

## 11. Intangible Assets

| | **2023** |
|---|---|
| | **€** |
| COST | |
| Balance as at 1 January 2023 | **6,962** |
| Additions | **-** |
| At 31 December 2023 | **6,962** |
| GRANTS | |
| Balance as at 1 January 2023 | **5,000** |
| Additions | **-** |
| As at 31 December 2023 | **5,000** |
| ACCUMULATED DEPRECIATION | |
| Balance as at 1 January 2023 | **327** |
| Charge for the year | **1,065** |
| At 31 December 2023 | **1,382** |
| NET BOOK VALUE at 31 December 2023 | **570** |

| | **2022** |
|---|---|
| | **€** |
| **COST** | |
| Balance as at 1 January 2022 | - |
| Additions | 6,962 |
| At 31 December 2022 | 6,962 |
| **GRANTS** | |
| Balance as at 1 January 2022 | - |
| Additions | 5,000 |
| Reclassifications | - |
| As at 31 December 2022 | 5,000 |
| **ACCUMULATED DEPRECIATION** | |

| | |
|---|---|
| Balance as at 1 January 2022 | - |
| Charge for the year | 327 |
| At 31 December 2022 | 327 |
| **NET BOOK VALUE** | |
| At 31 December 2022 | 1,635 |